MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tad-9 ta' April, 2015

Rikors Numru. 20/2015

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, permezz tieghu ppremetta :

A. Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Frar 1987 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg taghhom li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkat ‘Dokument A’;

B. Illi minn dan iz-zwieg twieldet tifla wahda u cioe M li llum ghandha sebgha u ghoxrin (27) sena u li twieldet fit-22 ta' Settembru 1987.

C. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Peter Fleri Soler tal-20 ta' Ottubru 1997, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B u ghalhekk il-partijiet ilhom separati legalment ghal aktar minn erba` snin. Fil-fatt ilhom separati aktar minn erbghatax (14) il-sena;

D. Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni hawn fuq imsemmi, l-kura u l-kustodja ta' binthom M kienet fdata f'idejn l-esponenti u l-intimata kienet ddekaddiet milli tircievi l-manteniment minghand l-istess esponenti jew thallsu xi manteniment;

E. Illi ma hemm ebda kwistjoni pendenti bejn il-partijiet specjalemnt ghar-rigward il-manteniment dovut mill-esponenti ghaliex binthom dejjem ghexet mieghu u llum hija maggorenni u l-partijiet kienu reciprokament iddekadew mill-obbligi ta' hlas ta' manteniment kif jirrizulta minn klawzola 2 tal-kuntratt ta' separazzjoni.

F. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejnithom stante illi minbarra li ilhom separati ghal aktar minn erbghatax il-sena, illum il-gurnata ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;

G. Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-Ligi ghall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet hawn premessi :

1. Tiddikjara ż-żwieġ bejn il-partijiet li seħħ fit-28 ta' Frar 1987, bħala żwieġ maħlul għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku skont il-liġi u dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2015;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri, izda deher missierha illi ipprezenta ic-certifikat mediku taghha u informa lill-Qorti illi l-intimata ma kienitx qeghda toggezzjona ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta' Ottubru 1997;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------